

# News Releases



# L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): Novembru tal-2023

NR004/2024 Data tal-Ħruġ: 11 ta’ Jannar 2024 Data tal-Għeluq: 04 ta’ Jannar 2024

*F’Novembru tal-2023, il-produzzjoni industrijali żdiedet b’1.0 fil-mija meta mqabbla ma’ Novembru tal-2022.*




L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP) huwa indikatur taċ-ċiklu tan-negozju. Kull xahar, huwa jieħu qies bikri tat-tibdil fil-volum tal-produzzjoni industrijali tan-negozji domestiċi fil-manifattura, l-enerġija, u l-barrieri f’Malta.

**Il-Produzzjoni Industrijali Sħiħa – Tqabbil mas-sena ta’ qabel**

F’Novembru tal-2023, l-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali żdied b’1.0 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2022. Meta kienet eskluża l-enerġija, l-Indiċi żdied b’4.7 fil-mija (Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. Paragun annwali tal-produzzjoni industrijali sħiħa

Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta’ qabel




**Il-Prodott tal-Manifattura – Tqabbil mas-sena ta’ qabel**

F’Novembru tal-2023, il-prodott tal-manifattura żdied b’4.4 fil-mija. L-akbar żieda kienet irreġistrata fil-produzzjoni ta’ prodotti tal-ikel u tax-xorb (10.0 fil-mija), segwita minn manifattura oħra (7.2 fil-mija) u mill-produzzjoni ta’ prodotti tal-kompjuters, tal-elettronika, tal-vista, u ta’ vetturi bil-mutur (5.8 fil-mija). Min-naħa l-oħra, il-produzzjoni ta’ prodotti tal-lastku, plastik u prodotti oħra minerali mhux tal-metall, u l-produzzjoni tal-injam, prodotti tal-karta u l-istampar naqsu bi 2.2 fil-mija u 1.4 fil-mija, rispettivament (Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. Il-prodott tal-manifattura - paragun annwali ta’ ċerti oqsma

Id-differenza li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta’ qabel




**Il-Produzzjoni Industrijali – Tqabbil mas-sena ta’ qabel mqassam bl-iggruppar industrijali ewlieni**

Il-Gruppi Industrijali Ewlenin (MIGs) jagħtu analiżi alternattiva tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi kklassifikati skont kategoriji ta’ użu aħħari. Huma jgħaqqdu flimkien diversi taqsimiet, gruppi u klassijiet tan-NACE (ara t-tabella metodoloġika għal aktar tagħrif).

F’Novembru tal-2023, il-produzzjoni tal-oġġetti intermedji, tal-oġġetti tal-konsum, u tal-oġġetti kapitali żdiedet bi 8.3 fil-mija, 4.1 fil-mija u 2.4 fil-mija, rispettivament.  Għall-kuntrarju ta’ dan, kien hemm tnaqqis ta’ 15.2 fil-mija fil-produzzjoni tal-enerġija (Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. Paragun annwali maqsum bl-iggruppar industrijali ewlieni

Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta’ qabel




**Il-Produzzjoni Industrijali aġġustata għall-effetti tal-istaġun – Tqabbil max-xahar ta’ qabel**

Dehra aktar ċara tal-iżviluppi ekonomiċi tista’ tinkiseb meta l-indiċijiet ikunu aġġustati għall-effetti tal-istaġun. Dawn l-effetti, li jitfaċċaw minn żmien għal żmien, jitneħħew mis-serje tal-indiċi sabiex ikunu jistgħu jsiru l-paraguni xahar ma’ xahar (ara l-punti metodoloġiċi 5 u 6).

F’Novembru tal-2023, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun żdied b’1.8 fil-mija meta mqabbel max-xahar ta’ qabel sabiex laħaq 112.5-il punt (2015=100) (Ċart nru 4).

## Ċart nru 4. L-Indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun

Indiċi (2015 = 100)

